MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2003

**L-Avukat Dottor Hugh PERALTA bħala mandatarju speċjali tas-soċjeta' estera "THECA S.R.L." ta' l-Italja**

**vs**

**FROZEN ART LIMITED**

## Il-Qorti:

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-26 ta' Mejju, 2000, li bih l-attur nomine ippremetta:

Illi s-soċjeta' konvenuta hija debitriċi ta' l-attur nomine fl-ammont ta' disgħa u tletin elf sitt mija wieħed u sebgħin Euro u sebgħin Euro-cent (Euro 39671.70) ekwivalenti għal cirka ħmistax-il elf tmien mija u sebgħin liri maltin (Lm15870) rapprezentanti l-bilanċ tal-prezz ta' merkanzija mibjugħa u konsenjata lis-soċjeta' konvenuta fuq ordni u inkarigu speċifiku tas-soċjeta' konvenuta (hawn aktar 'l

isfel imsejjaħ bħala “l-ammont dovut”) u dan kif jidher mill-fatturi hawn annessi u markati dokumenti ittri “A” sa’ “D”;

Illi għalkemm mitluba diversi drabi sabiex tħallas l-ammont dovut flimkien ma’ l-interessi, s-soċjeta’ konvenuta baqgħet inadempjenti;

Illi l-kreditu ta’ l-attur nomine fis-somma ta’ disgħa u tletin elf sitt mija wieħed u sebgħin Euro u sebgħin Euro-cent (Euro 39671.70) ekwivalenti għal ċirka ħmistax-il elf tmien mija u sebgħin liri maltin (Lm15870) huwa ċert, likwidu u esiġibbili, u sa fejn jaf l-attur nomine, s-soċjeta’ konvenuta ma għandha ebda difiza valida opponibbili f’din il-kawża kontra t-talba tagħha għall-ħlas ta’ dik is- somma,u dan kif jidher mill-affidavit ta’ l-Avukat Dottor Hugh Peralta fil-kwalita’ tiegħu premessa, hawn anness Dokument ittra “E”;

Għalhekk l-attur nomine talab lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m’għandhiex għar-ragunijiet premessi:

1. M’għandhiex din il-Qorti tagħti sentenza u tilqa’ t-talba ta’ l-attur nomine bla ma tgħaddi għas-smiegħ tal-kawża kif provdut fl-artikoli 167 – 170 tal-Kodiċi ta’ l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta); u

2. Hekk tikkundanna minnufih lis-soċjeta’ konvenuta tħallas lill-istess attur nomine s-somma ta’ disgħa u tletin elf sitt mija wieħed u sebgħin Euro u sebgħin Euro-cent (Euro 39671.70) ekwivalenti għal cirka ħmistax-il elf tmien mija u sebgħin liri maltin (Lm15870) hawn fuq imsemmija u dovuta kif intqal aktar ‘il fuq;

Bl-imgħax legali sal-gurnata tal-pagament effettiv, bl-ispejjeż, inkluzi dawk tal-mandat ta’ qbid u mandat ta’ sekwestru preżentati kontestwalment ma’ dan l-att ta’ ċitazzjoni, kollox kontra s-soċjeta’ konvenuta li huma minn issa r-rappreżentanti tagħha huma inġunti għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-attur nomine;

Rat illi ċ-ċitazzjoni ġiet debitament notifikata lis-soċjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eċċezzjonijiet u hekk baqgħet kontumaċi;

Semgħet ix-xhieda tal-attur nomine;

Semgħet l-Avukat tal-attur nomine;

Eżaminat l-atti tal-kawża;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fiċ-ċitazzjoni tirriżulta pruvata;

Fil-kontumaċja tas-soċjeta' konvenuta tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u billi jgħoddu d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda taqta' l-kawża bid-dispensa tas-smigħ;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi u** tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas lill-istess attur nomine s-somma ta' disgħa u tletin elf sitt mija wieħed u sebgħin Euro u sebgħin Euro-cent (Euro 39671.700) ekwivalenti għal ċirka ħmistax-il elf tmien mija u sebgħin liri maltin (Lm15870) hawn fuq imsemmija dovuta kif intqal aktar' il fuq u bl-imgħax legali sal-gurnata tal -pagament effettiv, bl-ispejjeż inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid u mandat ta' sekwestru kontra is-soċjeta' konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------